# IL-FESTA TAL-MAGĦMUDIJA TAL-MULEJ

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**
**Is 42, 1-7**

Dan igħid il-Mulej:
“Araw il-qaddej tiegħi, li jiena nwieżen,
il-maħtur tiegħi, li fih qalbi strieħet!
Qegħidt ir-ruħ tiegħi fuqu,
biex iġib il-ġustizzja lill-ġnus.
Ma jgħajjatx, ma jgħollix leħnu,
ma jsemmax leħnu fil-pjazez,
qasba mġelġla ma jiksirhiex,
musbieħ inemnem ma jitfihx.
Iġib il-ġustizzja lill-ġnus,
ma jegħjiex, ma jitfarrakx,
sakemm ma jwaqqafx il-ġustizzja fuq l-art,
għax il-gżejjer imbiegħda jistennew il-liġi tiegħu.’’
Dan igħid Alla, il-Mulej,
li ħalaq u firex is-smewwiet
u l-medda ta’ l-art bil-frott u l-ħdura tagħha,
u jagħti l-ħajja lill-popli li hemm fiha
u r-ruħ lil dawk li jgħixu fiha:
“Jien, il-Mulej, sejjaħtlek fis-sewwa,
qbadtek minn idek,
sawwartek u għamilt minnek patt tal-poplu,
dawl għall-ġnus,
biex int tiftaħ għajnejn il-għomja,
toħroġ lill-ilsiera mill-ħabs u ’l dawk li hemm fid-dlam minn dar l-egħluq.”

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 28**
**Il-Mulej ibierek lill-poplu tiegħu fis-sliem.**

Agħtu lill-Mulej, ulied Alla,
Agħtu lill-Mulej il-glorja ta’ Ismu,
inxteħtu quddiem il-Mulej bi lbies qaddis.

**R/. Il-Mulej ibierek lill-poplu tiegħu fis-sliem.**

Leħen il-Mulej fuq l-ibħra,
il-Mulej fuq l-ibħra setgħana.
Leħen il-Mulej hu qawwi,
leħen il-Mulej setgħan.

**R/. Il-Mulej ibierek lill-poplu tiegħu fis-sliem.**

Alla tal-glorja jriegħed,
u fit-tempju tiegħu kulħadd igħid: Glorja!
Il-Mulej għeleb id-dilluvju;
isaltan il-Mulej għal dejjem.

**R/. Il-Mulej ibierek lill-poplu tiegħu fis-sliem.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli**
**Atti 10, 34-38**

F'dak iż-żmien: Pietru qabad jitkellem u qal: "Issa qiegħed nifhem li tassew Alla ma jħarisx lejn l-uċuħ, iżda kull min għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa, ikun minn liema nazzjon ikun, hu milqugħ minnu.
Intom tafu li hu bagħat il-kelma tiegħu lil ulied Israel biex ixandrilhom il-Bxara t-Tajba tas-sliem b'Ġesù Kristu, li hu s-Sid ta' kollox; u tafu b'dak li ġara mal-Lhudija kollha, ibda mill-Galilija, wara li Ġwanni xandar il-magħmudija: kif Alla kkonsagra 'l Ġesù ta' Nażaret bl-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa, u kif dan Ġesù għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq 'il dawk kollha li kienu maħkuma mix-xitan, għax Alla kien miegħu.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah Hallelujah**
Is-smewwiet infetħu, u leħen il-Missier instama':
Dan hu Ibni l-Għażiż, isimgħu lilu.
**Hallelujah**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 3, 15-16,21-22**

F'dak iż-żmien: Il-poplu kien qiegħed jistenna u kulħadd kien jistaqsi lilu nnifsu f'qalbu dwar Ġwanni, jekk kienx hu l-Messija. Għalhekk Ġwanni qabad u qal 'il kulħadd: "Jien, ngħid, għalija, ngħammidkom bl-ilma; imma ġej min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix inħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom fl-Ispirtu s-Santu u n-nar."
Issa ġara li, wara li kien tgħammed il-poplu kollu, fil-ħin li Ġesù tgħammed ukoll u kien qiegħed jitlob, is-sema nfetaħ u niżel l-Ispirtu s-Santu fuqu, f'sura li tidher bħal ħamiema, u ġie leħen mis-sema: "Inti Ibni l-għażiż; fik il-għaxqa tiegħi".

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Tifħir lilek Kristu.**